MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 1003/1997/1

Gwido Muscat u b'digriet tal-1 ta' Marzu 1999 l-atti gew legittimati f'isem Dolores Muscat
vs
Kummissarju tal-Pulizija

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod iktar preciz fi jew ghal-habta ta' l-1988 ir-rikorrent kien sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ta' Assistant Kummisarju fil-Korp tal-Pulizija u anke f' li gie mgieghel jirtira mill-Korp fl-1989.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien ilu zmien twil fil-Korp tal-Pulizija. Fl-1981 huwa kien gie mahtur Supretendent tal-Pulizija u ftit wara gie trasferit biex jahdem fl-amministrazzjoni u kien jassisti lill-Assistent Kummissarju illum mejjet, Pawlu Mamo fix-xoghol tieghu. Illi meta l-Assistent Kummisarju Mamo kien gie nieqes fl-

1984, ir-rikorrent kien imqabbad mill-Kummissarju ta’ dak iz-zmien Dr Lawrence Pullicino biex jassumi r-responsabbilitajiet ta’ l-imsemmi Assistent Kummissarju. Ir-rikorrent kien baqa’ jahdem dan ix-xoghol sa Lulju 1987 meta mal-bidla tal-amministrazzjoni tal-Gvern, ir-rikorrent kien gie trasferit ghad-distrett tal-Belt, Valletta, ftit wara u cioe` f’Settembru 1987 kienu hargu promozzjonijiet ghall-Assistenti Kummissarji u lir-rikorrent gie maqbuz minn individwi b’inqass servizz minn tieghu. Illi minbarra li saret din l-ingustizzja mar-rikorrent huwa sahansitra rega’ gie trasferit ghad-distrett ta’ Bormla fejn ftit wara kien hemm l-incidenti ta’ jum il-helsien ta’ l-1989.

Illi wara l-imsemmija incidenti, ghar-ragunijiet li jafuhom l-awtoritajiet bdew jittiehdu passi dixxiplinari, quddiem il-PSC. Illi din kienet cirkustanza fejn ir-rikorrent kien kostrett illi minhabba ragunijiet ingusti meta huwa stess ried jaghti r-ragunijiet tieghu ghal mod kif mexxa huwa xogholu dak iz-zmien matul l-imsemmija incidenti, huwa fit-2 ta’ Mejju 1989 wara li talab biex jirtira bil-penzjoni waslitlu r-risposta propju sitt ijiem wara li t-talba tieghu kienet giet accettata.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha kif indikati f’dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment tieghu skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ghall-Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent jerga’ jinghata x-xoghol lura fil-Korp tal-Pulizija fil-kariga ta’ Assistant Kummissarju b’sehh mill-1988 jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata illi jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jidhirlu xieraq dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kieku, ghar-rigward ta’ dak minnu eccepit fit-tielet paragrafu mill-ahhar, kien jissottometti lilu nnifsu ghal gudizzju tal-PSC altru milli jirrizenja sabiex hekk kien ikollu l-opportunita` kollha illi jressaq ir-ragunijiet tieghu.

2. Illi t-talba tar-rikorrent sabiex jighata x-xoghol lura fil-Korp tal-Pulizija fil-kariga ta’ Assistant Kummissarju ma ghandhiex tigi milqugha stante illi fl-ewwel lok, id-decizjoni tar-rikorrent kienet wahda personali u unilaterali, liema decizjoni giet accettata u, fit-tieni lok, ikun ingust u improprju li kieku l-Korp tal-Pulizija kellu jonqos mill jahtar ufficjali ohra sabiex jimtlew dawk il-vakanzi ta’ ufficjali hekk gholja wara li dawn ikunu ddecidew li jitilqu l-Korp tal-Pulizija.

3. Illi d-dikjarazzjoni da part tar-rikorrent illi meta hargu l-promozzjonijiet ghall-Assistent Kummissarju huwa kien gie maqbuz mhix wahda korretta stante illi primarjament din l-allegazzjoni ghandha tigi evalwata fid-dawl ta’ fatti konkreti; ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni dawk il-kriterji l-ohra li jiggwidaw lil-Kummissarju tal-Pulizija li, fl-ahjar gudizzju tieghu, huwa jemmen illi l-persuna maghzula ser thalli rizultati tajbin u ser tkun ta’ servizz ghall-pajjiz.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Xehed Dr Lawrence Pullicino li semma li r-rikorrent Guido Muscat kien Supretendent in charge mill-amministrazzjoni liema responsabbilita` normalment tkun tad-Deputat Kummissarju. Qabel ir-rikorrent kien responsabbli mill-amministrazzjoni Paul Mamo li kien Assistent

Kummissarju. Semma li r-rikorrent beda jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel Paul Mamo u baqa` jmexxi dan ix-xoghol bl-istess efficjenza. Qal li r-rikorrent kien hadem bhala Surgent ghall-habta ta' l-1966, meta hu kien Spettur u wara li lahaq Kummissarju ir-rikorrent beda jahdem bhala Spettur. Dr Pullicino qal li hu kien jaf il-kapacitajiet u l-efficjenza tar-rikorrent u ghalhekk kien inkarigah mis-CID. Fl-1981-1982 sab replacement tieghu u b'hekk ir-rikorrent kien gie assenjat biex ikun responsabbli mill-Administration peress li l-forte tieghu kienet propju l-amministrazzjoni. Qal li hemmhekk ir-rikorrent dejjem hadem bl-iktar mod preciz, lejali u korrett.

Dr Pullicino qal li ma kien ikollu l-ebda diffikulta li jirrikomanda lil Guido Muscat biex isir Deputat Kummissarju kieku nqalghet vakanza meta kien Kummissarju. Semma li r-rikorrent kien qallu li kien qed jigi mhedded dwar l-incident li kkoncerna l-monument tal-Helsien, jew li se jghadduh PSC jew inkella jirrizenja. Fil-fatt wara sar jaf li rrizenja. Ftakar li dak iz-zmien ir-rikorrent kien stazzjonat Bormla.

Xehed i<u>l-Kummissarju John Rizzo</u> li semma li fl-1984 kien Spettur in charge mill-Personal Assistant to the Commisioner. Qal li hu u r-rikorrent kienu jahdmu hafna mill-qrib, kienu jippreparaw risposti ghal PQ's u affarijiet amministrattivi. Dak iz-zmien ir-rikorrent kien in charge mill-ufficju tal-Administration izda kien hemm is-Sur Tommasi li kien Deputat Kummissarju li kien jaghmel ix-xoghol amministrattiv ukoll anki meta jkun hemm diskussjonijiet dwar PQ's. Semma li r-rikorrent kien ha over is-Sur Mamo li kien Assistent Kummissarju u li kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni. Qal li r-rikorrent dejjem wettaq l-istruzzjonijiet li hargu minghand il-Kummissarju u ghall-habta ta' l-1988/89 hadem ukoll mar-rikorrent fid-distrett ta' Bormla. Fuq ir-rikorrent qal li kien bhala ufficcjal kien jirrispettah specjalment fil-kamp tal-amministrazzjoni u kien wiehed mill-aktar li ghallmu. Ir-rikorrent kien bniedem leali u serju fuq xoghlu.

Xehed <u>Anthony Mifsud Tommasi</u> u semma li kien Deputat Kummissarju sa April 1991 u lir-rikorrent jiftakru fil-korp

tal-pulizija. Lir-rikorrent kienu baghtuh jahdem mieghu f'Bormla meta kien ghadu Spettur. Qal li wara r-rikorrent lahaq Supretendent u kien jahdem mieghu fid-depot u Muscat kien in charge mill-amministrazzjoni. Dak iz-zmien kien hemm l-Assistant Kummissarju Pawlu Mamo u meta dan spicca x-xoghol beda jaghmlu r-rikorrent liema xoghol dam jaghmlu sal-1987 meta mbaghad dan gie trasferit fid-distrett fejn kien ix-xhud. Semma li lir-rikorrent jiftakru bhala fizzjal tajjeb u qatt ma kellu ebda lanjanzi fuqu. Semma li wara l-elezzjoni tal-1987 kien ghamel xahar bhala Kummissarju tal-Pulizija u qal li f'dak ix-xahar ma kienu saru l-ebda promozzjonijiet u ma ta l-ebda rakkomandazzjoni ghall-promozzjonijiet. Mistoqsi biex jghid jekk kienx jirrakkomanda lir-rikorrent biex isir Assistent Kummissarju stqarr li r-raguni ghalfejn qatt ma spira biex isir Kummissarju hija biex d-decizjoni finali ta' min isir Assistant Kummissarju ma tkunx tieghu.

Xehed l-Ex Surgent Frank Bezzina fejn semma li ghamel zmien twil jahdem fil-licensing office fid-depot u lahaq lir-rikorrent jahdem fl-amministrazzjoni ghal zmien twil fejn kien in charge. Ftakar li qablu kien hemm Pawlu Mamo bhala Assistent Kummissarju. Qal li r-rikorrent kien tajjeb hafna fuq xogholu u kien hu li beda t-trading licences. Semma li hu hadem mar-rikorrent peress li kien gie trasferit f'distrett.

Xehed Alfred Calleja fejn semma li kien Kummissarju tal-Pulizija bejn April 1988 u Novembru 1992. Lir-rikorrent ftakru bhala ufficjal tal-Pulizija. Ix-xhud semma li hu kien li johrog ir-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-promozzjonijiet ghall-ufficjali tal-Pulizija. Semma li ghamel perjodu ta' zmien l-isptar u floku kien inkaigat Mifsud Tommasi li kien Deputy Commissioner. Rigward ir-rikorrent qal li r-rikorrent kien avvicinah u kellmu u f'xi zmien kien qallu li kien qed jahseb biex jitlaq mill-Korp u li kien qed ifittex xoghol alternattiv u din l-informazzjoni ma jiftakarx jekk kienx ghaddiha lil PSC. Ma ftakarx jekk fis-16 ta' Awissu 1988 kienx kiteb rakkomandazzjoni b'lista ta' ufficjali . Qal li meta ghamel ir-rakkomandazzjonijiet zgur li ma hax in konsiderazzjoni l-politika.

Hass li la rapport ghamlu hu dwar rakkomandazzjonijiet kellu jikkonferma dak li kien hemm imnizzel. Fl-ittra tas-16 ta' Awissu 1988 lil PSC kien ta s-suggerimenti tieghu dwar min kellu jinghata l-hatra ta' Assistent Kummissarju u min kellu jinqabez mis-Suprintendenti li kien hemm. Dwar ir-rikorrent kien kiteb specifikament:
"I consider that the five Superintendents who are being superseded do not have the high qualities to fill the post of assistant Commissioner and their personality and performance is not up to that standard. Furthermore certain shortcomings also militated against their nomination, for instance Supt Guido Muscat shrinks responsibility and is looking for another employment so that he could retitre on full pension…"

Dwar l-avveniment tal-31 ta' Marzu 1989 qal li jiftakru pero` ma ftakarx jekk kienux ittiehdu xi passi fir-rigward tar-rikorrent. Dwar ir-rizenja tar-rikorrent li kienet inghatat fit-2 ta' Mejju 1989 qal li ma jiftakarx li r-rikorrent qattx qallu li ried ikun Assistent Kummissarju. Qal li l-promozzjonijiet ghall-Assistent Kummissarju mhux bilfors by seniority, hemm diversi kriterji li jigu kkunsidrati. Eskluda li jkun hemm kunsiderazzjonijiet policiti f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Qal li r-rikorrent kien irtira bil-pensjoni mhux irrezenja.

Xehed is-Superintendent Kelly li esebixxa dokumenti li huwa estratt minn rakkomandazzjoni li kienet saret ghal numru ta' ufficjali fil-Korp tal-Pulizija. Semma li fil-Korp tal-Pulizija f'dawk il-posizzjonijiet mhux kwistjoni biss ta' seniority izda jittiehdu certi kriterji u skond il-fatturi in konsiderazzjoni li jigu appuntati.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent qieghed jilmenta li ma giex moghti l-promozzjoni ghal Assistent Kummissarju fl-1987 u nqabez minn ufficjali ohra juniors tieghu, talab li jerga' jinghata x-xoghol lura fil-Korp tal-Pulizija, u dan minhabba li hass li kien sfurzat li jitlaq mill-Korp b'dak li sar fl-1989 fejn sostna li kien ingustament akkuzat. Jinghad li t-tieni talba llum ma tistax tigi kunsidrata minhabba li r-rikorrent miet fil-mori tal-kawza.

Dwar in-nuqqas ta' promozzjoni ghal Assistant Kummissarju fl-1987 it-Tribunal sejjer jibda billi jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed janalizza l-promozzjonijiet tal-1987/88 wiehed josserva li dak iz-zmien by seniority kien hemm is-Supretendenti Maurice Borg, Guido Muscat, George Grech, Carmel Bonello, John Sciberras, Joseph Rizzo, Nicholas Cutajar, Alfred Abela, Joseph Psaila u ohrajn. Fil-fatt kienu lahqu Maurice Borg, George Grech, Nicholas Cutajar u Joseph Psaila. Ir-rikorrent jilmenta li hu ma sarx, specjalment li nqabez. Irrizulta li r-rikorrent huwa persuna kapaci u efficjenti u li ghandu servizz twil fil-korp. Kien hemm kliem ta' tifhir dwaru minn Dr Lawrence Pullicino, mill-Kummissarju prezenti John Rizzo. Anthony Mifsud Tommasi u Alfred Calleja kellhom opinjoni tajba tar-rikorrent izda mistoqsija dwar jekk ir-rikorrent kienx haqqu l-promozzjoni ma tawx risposta posittiva. Infatti Mifsud Tommasi qal li r-raguni ghalfejn qatt ma spira biex isir Kummissarju hija biex d-decizjoni finali ta' min isir Assistant Kummissarju ma tkunx tieghu. Fil-fehma ta' Alfred Calleja ir-rikorrent kellu jinqabez minhabba li r-rikorrent kien "shrinks responsibility". Dan ifisser li zewg ufficjali gholja tal-Korp tal-Pulizija hassew li ma kellhomx jaghtu parir pozittiv fuq il-promozzjoni tar-rikorrent.

Naturalment f'din il-kawza kien hemm problema iehor minhabba li r-rikorrent ma kellux l-opportunita` jaghti l-versjoni tieghu tal-fatti minhabba li miet fil-mori tal-kawza. Seta' wiehed jezamina aktar fil-fond skedi komparattivi tar-rikorrent u ta' min ha l-hatra u x'seta' sar wara izda dan kollu mhux fil-process. Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal ma hemmx provi sufficjenti biex it-Tribunal isib li saret ingustizzja mar-rikorrent fil-promozzjonijiet tal-1987/88, u ghalhekk jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------